QALA

Ref Nru: 17

Il-minuti tas-sbatax -il laqgha tas-sitt leglislatura tal-Kunsill Lokali Qala, li nzammet nhar it-Tlieta 17 ta' Settembru 2013, fis-6:00 ta' fil-ghaxija, fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill.

Prezenti:

| | |
|---|---|
| Sindku: | Clint Camilleri |
| Vici Sindku: | Paul Buttigieg |
| Kunsillieri: | Jesmond Borg<br>Victor Grech |
| Segretarja Ezekuttiva: | Marcia Borg |

Skuzat:

| | |
|---|---|
| Kunsillier | Paul Buttigieg |

**1 Talba**

1.1 Il-laqgha nbdiet permezz ta' talba u giet preseduta mis-Sindku.

**2 Approvazzjoni tal-minuti tal-hmistax -il laqgha.**

2.1 Peress li l-minuti tal-hmistax -il laqgha tqassmu qabel, dawn gie kkonsiderati bhala moqrija u gew approvati unanimament.

**3 *Qala International Folk Festival* 2013.**

3.1 Is-Sindku semma li ilbierah saret laqgha tal-Kumitat tal-*Qala International Folk Festival*. Huwa semma li ser jigu zewg gruppi folkloristici barranin. Huwa semma wkoll li t-*transfers* mill-ajruport sac-cirkewwa ser jigu mhallsa mill-Awtorita` tat-Turizmu ta' Malta. Is-Sindku ta spjegazzjoni tal-programm ta' dan il-*festival*.

## 4 Il-Pjan Lokali ghal Ghawdex.

4.1 Is-Sindku ta spejgazzjoni ta' dak li gie diskuss waqt il-laqgha li l-Kunsill Lokali kellu ma ufficcjali tal-MEPA dwar il-Pjan Lokali ghal Ghawdex. Il-Kunsill ircieva l-minuti li gew ippreparati mill-MEPA. Il-Vici Sindku semma li huwa qed jigbor petizzjoni dwar l-eghlieqi li hemm fl-*area* tal-Kuncizzjoni biex tibqa *green area*.

## 5 Applikazzjoni *Rural Development Programme for Malta*.

5.1 Is-Sindku semma li kien hemm xi fondi li kienu allokati ghar-Regjun Majjistral taht ir-*Rural Development Programme for Malta* u li kien ghad baqa xi fondi li ma ntuzawhx. Ghalhekk inharget sejha lir-Regjuni kollha halli min ikun interessat ikun jista` japplika ghal dawn il-fondi. Is-Sindku semma li dawn il-fondi huma sabiex jintuzaw fuq xi tip ta' *software* li x'hin tkun quddiem xi post ta' interess, bhal per ezempju il-Muzew Folkloristiku, titla *pop up* fuq il-*mobile* tieghek fejn jinghatalek informazzjoni fuq dan il-post. Is-Sindku semma li din tghodd ghal Kunsill peress li l-quddiem ser ikollu *heritage trail*. Gie diskuss li forsi din ma tantx tintuza peress li dak li jkun irid ikollu bilfors xi tip ta' *iphone* u li l-Kunsill ghandu jara jekk il-fondi jistghux jintuzaw ghal ghan iehor.

## 6 Materji ohra.

6.1 Giet diskussa l-applikazzjoni ghal permess ta' zvilupp sabiex isir *three star hotel* fi Triq il-Mithna ezatt quddiem il-Mithna ta' Randu. Il-Kunsill iddiskuta li l-hajt li ser jinbena u s-sigar li jithawwlu ma jistghux ikunu gholjien aktar mill-Mithna sabiex din l-istess Mithna tibqa tidher minn kullimkien. Haga ohra li ddiskuta hi li jrid ikun hemm bizzejjed *parking space* ghar-residenti li joqghodu f'din il-lukanda. Gie diskuss ukoll li l-Kunsill ghandu jiehu parir fuq ir-rampa li kienet saret peress li kienet inharget 'l barra ghal fuq it-triq.

6.2 Gew trattati l-ilmenti li dahlu fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill mid-9 t' Awwissu 2013 sas-17 ta' Settembru 2013 minn referenza numru 143/13 sa referenza numru 183/13 (registru tal-ilmenti ohra) u minn referenza numru 39/2013 sa referenza numru 52/2013 (registru tal-ilmenti xoghlijiet).

6.3 Gew sottometti tliet applikazzjonijiet ghal bozoz godda tat-triq. Wahda fi Triq il-Ven Adeodata Pisani, ohra fi Triq Papa Piju IX u ohra fi Triq ta' Gulju.

## 7 Korrispondenza.

7.1 Giet trattata din il-korrispondenza:

7.2 Ittra mibghuta mill-Avukat Jean Paul Grech minn Carmelo Galea and Associates fejn kiteb ghan-nom ta' Mario u Maria Loreta Portelli dwar il-kuntratt li sar fejn kienu gew assenjati art fi Triq il-Wardija, li minkejja li ghaddew kwazi sitt xhur li gie ppubblikat dan il-kuntratt

il-mittenti ghadom ma nghatawx il-pussess tal-fond li gie assenjat lilhom. Il-Kunsill iddiskuta li din l-art imsemmija hija l-latrina pubblika li hemm bhalissa fi Triq il-Wardija u li dan huwa kaz li ghandu x'jaqsam mieghu d-Dipartiment tal-Artijiet peress li l-latrina pubblika hija proprjeta` ta' dan id-Dipartiment. Il-Kunsill qed jiehu hsieb biss il-ftuh u t-tindif ta' din l-istess latrina. Ghalhekk dan il-kaz ghandu jiehu hsiebu dan id-Dipartiment.

7.3 Ittra mibghuta mid-Direttur tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali Carmel Abela fejn informa lill-Kunsill li l-Bord tal-Evalwazzjoni tal-iskema ghal ghajnuna finanzjarja ghall-*live streaming* laqa` l-applikazzjoni tal-Kunsill u ghalhekk il-Kunsill ser jinghata l-ammont ta' €2,300 f'ghajnuna finanzjarja ghal dan il-progett.

Il-laqgha ntemmet fis-7:00 ta' filghaxija. Laqgha ohra giet stabbilita ghal nhar il-Hamis 31 t'Ottubru 2013.

| | |
|---|---|
| Clint Camilleri | Marcia Borg |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |